# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **9** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 8 ta' April 2010 fis-6.30pm.**

# L-Ewwel Seduta

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John Baptist Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Jesmond Mugliett |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Grech |
| **Skużat/a** | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne |

## Aġenda

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Punti li joħorġu mill-Minuti.
4. Awtoriżazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti.
9. Aġġornament

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Acting Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***<u>Qari u approvazzjoni tal-Minuti:</u>***

1.1 **<u>Laqgħa Nru 8(1) tal-11 ta’ Marzu 2010:</u>**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-artiklu 5.3 għandu jiżied il-*Greenskip* mat-*tender list*.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li artiklu 5.3.2 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel hekk:

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatr spjega li kien hemm 9 tenders li kellhom 60 offerta.*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li artiklu 5.3.2 is-sitt paragrafu għandu jinbidel hekk:

*Kien hemm qbil unanimu illi jintgħazel Anton Zarb bħala offerent minħabba l-fatt li dan kellu erbgħa opzjonijiet minn fejn ngħa□lu. Għaldaqstant l-ewwl ngħa□lu l-opzjoni B15 f’ka□li dan il-bank ma jkunx sodisfaċenti ngħa□lu t-tieni opzjoni li hija B23. Jekk il-Kunsill jibqa ma jkunx sodisfatt bi□-□ewġ op□jonijiet allura ngħa□lu it-tielet opzjoni B16 u finalment l-aħħar opzjoni li hija B25.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li minħabba li fl-*ispesification tat-tender* aħna tlabna sabiex il-bankijiet jkunu twal 1.8 metri u mhux 1.5 metri, għadldaqstant il-Kunsill kellu jgħażel l-opzjoni B15 u mhux B14

1.1.4 Il-Kunsillier John B. Camilleri qal li artiklu 2.2.3 it-tielet paragrafu irid jinbidel u jiġi jinqara hekk :

*Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk ġietx preskritta peress li għadda ammont ta’ □mien (permess validu sa ħames snin).*

1.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li artiklu 3.3 it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara hekk :

*Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kull impjegat ta’ l-Airmalta li għandu kuntratt mal-GO iċempel lill-impjegati l-oħra b’xejn.*

1.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li artiklu 4.1 it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqasmu f’żewġ punti:

*Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għandha titni□□el fil-minuti li bis-saħħa tal-Kunsill irnexxielu jottjeni €5500 mal-iskema Europe for Citizens u l-oħrajn il-Kunsill applika għal co-financing.*

*L-ispejje□se jiġu indikati bl-asterisk fl-iskeda.*

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li rigward paragrafu 3.9 staqsa jekk il-Kunsill kienx bagħat hu oġġezzjona u jekk le l-Kunsill għandu b'mod urġenti jibgħat l-kummenti li l-ewwel għandha titlesta l-bankina qabel ma tinbgħat *feedback* mill-Kunsill. Huwa kompla jgħid illi għandu jitħalla aċċess ta' 1.5 metri.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma l-Kunsill illi rigward paragrafu 2.2.1, huwa kien iltaqa mal-Enemalta u l-arbli tal-konkos li huma fi stat ħażin se jbidluhom.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa x'kien l-andament tal-paragrafu 3.2

Is-Sindku spjega li l-Vodafone ser jtuna sponsor ta' €2500. Hu kompla jispjega li bl-iskema tal-Vodafone meta nkunu grupp inkunu nistgħu nċemplu lil xulxin b'xejn.

Is-Sindku kompla jgħid li se nifrankaw mil-lanqas €300 fix-xahar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kompla jispjega kif taħdem is-sistema.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li din l-iskema hija idejali peress li mhux l-ewwel darba li jċempel lis-Sindku u s-Sindku jaqtalu sabiex iċempillu lura hu.

Sar qbil unanimu illi nidħlu fl-iskema tal-Vodafone.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li rigward paragrafu 5.3.1 kien ltaqa mal-kuntrattur dak in-nhar stess u ftehmu li l-*litter bins* se jkunu lesti f'Lulju u ftiehem ukoll illi sadanittant konna ser nikru 40 bin tal-240 litru u l-ispejjeż kienu ser jinqasmu bejn il-Kunsill u l-kutrattur u dan minħabba d-dewmien għall-provista ta' litter bins.

Huwa kompla jgħid illi l-*Green MT* ser jisponsorja l-boroż tal-*litter bins* il-ġodda. Wara konsultazzjoni mal-*Green Mt* intqal sabiex lis-sidien tal-ħwienet jiġu provduti b'kontenituri b'kuluri differenti għas-separazzjoni ta' l-iskart.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett kompla jispjega illi qiegħed jdur il-ħwienet u qal li ser issir laqgħa fil-futur qrib sabiex jiġi spjegat l-inċentivi li ser jingħataw lis-sidien tan-negozji.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja kompla jżid ma li qal il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett li aħna nħallsu €20 it-tunellata. Huwa kompla jispjega li kien iltaqa mas-Sur Reuben Buttigieg ta' l-Assoċjazzjoni tal-Ħwienet, u kien spjegalu dwar il-possibilita` ta' ftehim illi s-sidien tal-ħwienet jisseperaw l-iskart filwaqt li l-iskart organiku u jinġabar mill-kuntratttur tal-Kunsill.

Is-Sindku kompla jispjega illi dak ser niffrankaw mil-ġbir ta l-iskart tal-240 litru li kien jiġabar matul is-sena kollha nkunu nistgħu noffru servizz *extra* filgħaxija ta' tbattil tal-*litter bins* kif ukoll l-iskart organiku lis-sidien tal-ħwienet.

Id-diskussjoni tkompliet billi ntqal li l-*bring in sites* ser jiżdiedu skond kemm hemm bżonn u l-frekwenza tat-tbattil tal-*bring in sites* mill-*Green Mt* ser tiżdid.

Iktar ma nħeġġu n-nies jisseparaw iktar ikun jaqbel lilna bħala Kunsill.

3.0 ***Ħlasijiet :***

3.1 **Ħlasijiet b'urġenza :**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | ***€*** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Enemalta Corporation** | Removal of pole from Triq is-Silla c/w Triq tal-Hamrija | 11/3/2010 | | 40.00 |
| 2 | **Maltapost p.l.c** | 500 stamps | 11/3/2010 | | 95.00 |
| 3 | **Mr. Roanld Briffa** | Garage Rent 1/03/10-31/8/10 | 11/3/2010 | | 912.50 |
| 4 | **Peter Paul Delia** | Cleaning of site in Triq Santa Tereza | 12/3/2010 | | 324.00 |
| 5 | **Assocjazzjoni Kunsilli Lokali** | Laqgha Sindki u Vici Sindki | 16/3/2010 | | 348.00 |
| 6 | **Director General DOI** | Adverts MLC03/2010&MLC04/2010 | 22/3/2010 | | 9.32 |
| 7 | **Lourdes Services Station** | Diesel for Van | 23/3/2010 | | 30.00 |
| 8 | **Selves** | Petty Cash March 2010 | 23/3/2010 | | 228.95 |
| 9 | **JGC Ltd** | Part Payment Mexical Tower | 24/3/2010 | | 2500.00 |
| 10 | **Mr. Charlot Mifsud** | Reimbursement of expenses re Coffee Morning | 24/3/2010 | | 240.00 |
| 11 | **Mr. Martin Micallef** | Perspex for Bus Shelter | 25/3/2010 | | 82.54 |
| 12 | **Ms. Chantel Zammit** | Support Service Clerk March 10 | 29/3/2010 | | 1075.59 |
| 13 | **Selves** | Expenses for swift transfer re: Douzelage | 36/03/2010 | | 30.00 |
| 14 | **Selves** | Douzelage Conference Expenses Annual | 26/3/2010 | | 270.00 |
| 15 | **MEUSAC** | Deposit ERDF funding | 26/3/2010 | | 800.00 |
| 16 | **R&A Waste Services Ltd** | Refuse Collection March 10 | 1/4/2010 | | 10139.22 |
| 17 | **MEPA** | Application to embelishment promenade consisting of fixing benches, railings and light poles | 5/4/2010 | | 34.94 |
| 18 | **Kempinski Hotel** | Room Charge for Deputy Mayor 21/04/10-23/04/10 | 6/4/2010 | | 240.00 |
| 19 | **Kempinski Hotel** | Room Charge for Mayor 21/04/10-22/04/11 | 6/4/2010 | | 160.00 |
| 20 | **Mr. Aldo Grech** | Refund on repair for grass cutting machine | 6/4/2010 | | 31.50 |
| 21 | **Lourdes Services Station** | Fuel for van | 6/4/2010 | | 50.00 |

Il-Kunsill approva unanimament.

## 3.2 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta’ kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | ***€*** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Graphics** | Newspapers | 18/3/2010 | 59811 | 151.96 |
| 2 | **JV Wood Works & DIY** | Wood | 11/3/2010 | 108 | 19.80 |
| 3 | **JV Wood Works & DIY** | Wood | 17/3/2010 | 116 | 23.00 |
| 4 | **Retina Telecommunications** | Head Sets | 24/3/2010 | 59888 | 188.80 |
| 5 | **Retina Telecommunications** | Head Sets | 18/3/2010 | 59864 | 94.40 |
| 6 | **Retina Telecommunications** | Telephone Set | 11/3/2010 | 59840 | 63.51 |
| 7 | **Golden Gate** | Stationery | 15/3/2010 | 344850 | 101.29 |
| 8 | **Golden Gate** | Stationery | 12/3/2010 | 344780 | 147.50 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 | **Mr. Lawrence Spiteri** | Trophies | 23/3/2010 | | 94.40 |
| 10 | **Aqua Blue Dancers** | Carnival 2010 | 1/3/2010 | 001/10 | 70.00 |
| 11 | **Mobisle Communicaions Ltd** | Mobile Calls | 19/3/2010 | RB-569885-2011 | 427.34 |
| 12 | **WasteServ Malta Ltd** | Dumping of mixed waste Feb 10 | 18/3/2010 | 56588 | 4954.14 |
| 13 | **WasteServ Malta Ltd** | Hiring of Bins Feb 2010 | 18/3/2010 | 56589 | 200.92 |
| 14 | **Advanced Telecomm. Ltd** | Cartridges | 23/3/2010 | 41426 | 229.01 |
| 15 | **Advanced Telecomm. Ltd** | Ink Collector | 17/3/2010 | | 29.50 |
| 16 | **Advanced Telecomm. Ltd** | Toner | 24/3/2010 | 41464 | 267.32 |
| 17 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 1/2/2010 | | 21.03 |
| 18 | **Firetech Ltd** | Fire Extinguisher | 17/3/2010 | 120959 | 40.36 |
| 19 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 16/3/2010 | 13013687 | 9.08 |
| 20 | **San Pedro Int Ltd** | Mdina Express Show | 28/2/2010 | E22326 | 58.00 |
| 21 | **Ms. P Roberts** | Carnival Dance 2010 | 17/3/2010 | 10/002 | 70.00 |
| 22 | **Allied Newspapers** | Advert | 10/3/2010 | AS1384592 | 103.37 |
| 23 | **MB Distribution Ltd** | Ink Cartridges | 23/3/2010 | 104490 | 152.22 |
| 24 | **MB Distribution Ltd** | Ink Cartridges | 16/3/2010 | 104170 | 180.67 |
| 25 | **Stainless Structres** | Repair of Merry Go Round | 22/3/2010 | 109 | 293.82 |
| 26 | **Stainless Structres** | Repair on disabled children's swing | 22/3/2010 | 108 | 300.90 |
| 27 | **Stainless Structres** | Repair on Culvert | 3/3/2010 | 97 | 527.63 |
| 28 | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Wardens - Feb 2010 | 9/3/2010 | JC-011/MSA | 4327.04 |
| 29 | **HSBC p.l.c (Toni's Wine & Spirit)** | Beverages | 11/3/2010 | 60181231 | 255.60 |
| 30 | **Union Print** | Posters Good Friday | 16/3/2010 | PI001300 | 442.05 |
| 31 | **Look Star Dancers** | Carnival Dance 2010 | 11/3/2010 | | 70.00 |
| 32 | **Farell Bathrooms** | 7sq mtr tiles | 24/3/2010 | 1243 | 73.50 |
| 33 | **University of Malta** | App Fee Sustainable Eneregy | 22/3/2010 | UOM-1058/10 | 40.00 |
| 34 | **Crème Caramel** | Catering for Bibita 09 | 4/3/2010 | 17648 | 1921.57 |
| 35 | **Mr. Keith Grima** | Carnival 2010 | 1/3/2010 | 117 | 70.00 |
| 36 | **Vodafone pl.c.** | Internet | 1/3/2010 | 1880718032010 | 23.27 |
| 37 | **Media Link Comm** | Advert | 28/2/2010 | 43095 | 164.26 |
| 38 | **Med Design** | Proffessional Fees | 11/3/2010 | 30003638 | 310.00 |
| 39• | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 13/3/2010 | 986 | 1698.98 |
| 40• | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 13/3/2010 | 988 | 786.03 |
| 41• | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 13/3/2010 | 987 | 419.31 |
| 42 | **MITA** | Suport Services | 22/3/2010 | SIN022922 | 37.52 |
| 43 | **MITA** | Credit Note | 21/1/2010 | SCR000721 | -29.05 |
| 44 | **J&A General Opeations Ltd** | Trips Qormi - M'Skala | 21/3/2010 | J862 | 136.88 |
| 45 | **Mr. Joseph P.Pavia** | Photgraphic Service | 22/3/2010 | | 20.00 |
| 46 | **Mr. Joseph P.Pavia** | Photgraphic Service | 26/3/2010 | | 60.00 |
| 47 | **Image Systems** | Photocopier | 28/2/2010 | RENT/037986 | 60.42 |
| 48 | **Mrs. A Sant** | Librarian - March 2010 and Arrears for Jan & Feb 2010 | 26/3/2010 | | 102.20 |
| LISTA TA' ĦLASIJIET ADDIZZJONALI – 8/04/10 #9(1) | | | | | |
| 49 | **PC Wizards** | Laptop repair | 3/4/2010 | 191 | 70.00 |
| 50 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 1/2/2010 | | 996.34 |
| 51 | **Med Design** | Proffessional Fees | 26/3/2010 | 30003684 | 270.00 |
| 52 | **Ms. Frida Vento** | Flower Arrangment | 6/4/2010 | | 23.00 |
| 53 | **Mr.Bastjan Aquilina** | Drama Pageant Group | 28/3/2010 | MSK001 | 500.00 |
| 54 | **ELC** | Parks & Gardens March 10 | 31/3/2010 | 6149 | 1543.75 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 55 | **Full Marks Sporting** | Football equipment | 1/4/2010 | 3546 | 210.00 |
| 56 | **Gilbert Ironmogery** | Consumables | 8/2/2010 | 1516 | 127.82 |
| 57 | **PC Options Ltd (Scan)** | Computer and printer | 26/3/2010 | 6451635 | 858.91 |
| 58 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings | 24/3/2010 | 12732 | 507.26 |
| 59 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings | 24/3/2010 | 12733 | 229.04 |
| 60 | **ITS** | Change of Finacial year | 6/4/2010 | SIN100487 | 82.60 |
| 61 | **Mr. Chetcuti** | Expenses Good Friday | 8/4/2010 | | 18.68 |
| 62 | **Golden Gate** | Stationery | 7/4/2010 | 346113 | 187.87 |
| 63 | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 6/4/2010 | 105162 | 322.56 |
| 64 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Convenience | 5/4/2010 | MLC/10/30133 | 655.15 |
| 65 | **Mr. Ronald Bezzina** | Street Sweeping and Grass Cutting March | 30/3/2010 | 27 | 3577.53 |
| 66 | **Mr. Ronald Bezzina** | Grass Cutting in non Urban March | 30/3/2010 | 16 | 110.68 |
| **Pagament Nru.66 ġew ikkanċellati** | | | | | |

- Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li pagament Nru 66 m'għandux jitħallas għax ix-xogħol għadu mhux lest.

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet minbarra pagament numru 66.

4.0 ***<u>Korrispondenza u Kommunikazzjoni :</u>***

4.1 **<u>Malta Football Association - (35/1707/10/I) :</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward il-possibilita` ta' grawnd tal-futbol għall-użu tal-Kunsill wara l-ħinijiet ta' l-iskola kien l-ewwel jeħtieġ li jsir iffirmar fuq qbil bejn il-Kunsill Malti għall-isport, Dipartiment tal-Edukazzjoni flimkien mal-Kunsill, liema qbiel jgħid illi il-grawnd jaqa` f`idejn il-Kunsill wara li tingħalaq l-iskola, Sibtijiet u Ħdud u festi pubbliċi oħra. It-tieni pass kien li jsir kuntratt ieħor bejn l-MFA u l-Kunsill Lokali. L-MFA taċċetta li tgħaddi l-Kunsill Lokali ta` Marsaskala `*mini syntetic football pitch*` biex jiġi nstallat fil-parti ta` wara ta` l-iskola. Dan wara diversi laqgħat bejn is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri li huwa responsabbli miż-żgħażagħ u sport għan naħa tal-Kunsill u s-Sur Joe Cassar u s-Sur J.Mifsud min-naħa tal-Kunsill Malti tal-Isport u MFA rispettivament. Il-ħlas tal-installazzjoni għandu jagħmel tajjeb għalih il-Kunsill. Il-kuntrattur irid ikun bil-fors mqabbad mill-MFA. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni biex jiġi nstallat xi dawl mal-*pitch*. Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ha nota ta` dan biex jiltaqa mal-kuntrattur fuq il-post. Il-kuntrattur tal-MFA huwa s-Sur J.Sammut.

Is-Sindku żied jgħid li bħalissa l-grupp ta' plejers minn Marsaskala qiegħed jilgħab f'postijiet oħra bħal Verdala u De La Salle College. Iktar 'il quddiem il-kumitat għandu jieħu ħsieb it-tmexxija ta' l-sitess *pitch*.

4.2 **<u>UIF Contract Singing:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar il-Ġimgħa 9 ta' April huwa u s-Segretarju Eżekuttiv kienu se jmorru jiffirmaw l-kuntratt tal-UIF fejn se jiġu assenjati lill-Kunsill madwar €150,000 għal proġett tal-Ġnien fi Triq is-Sibbien kif ukoll għal *playing field* f'San Tumas.

**4.3 Fish Hawkers – (35/1935/10/I) :**

Saret referenza għal korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera rigward il-bejjiegħa tal-ħut li qegħdin jarmaw fuq iċ-ċint minflok ibiegħu mal-van jew minn fuq id-dgħajsa. Ġie deċiż li għanda nibgħatu ittra lis-Supretendent biex tiġi nforzata l-liġi f'dan ir-rigward. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja wkoll mal-Ministeru tal-Finanzi rigward ir-regolamenti li jirregolaw il-bejjiegħa tal-ħaxix eċċ (Hawkers).

**4.4 Triq San' Anna – (35/1959/10/I) :**

Is-Sindku nforma l-Kunsill u spjega kif kien iltaqa mat-TM eżatt mas-Sur Charles D`Alfonso fejn kien spjegalu li minħabba l-inkonvenjent li soffrew in-nies ta` Sant Anna bil-bini tal-*by pass* il-ġdida, kinietx il-possibilita` li bħala kumpens tingħata wiċċ ġdid l-istess Triq Sant' Anna. Wara diversi diskussjonijiet is-Sur D`Alfonse aċċetta t-talba tagħna bil-patt u l-kundizzjoni li l-bankina issir xorta iżda spejjes tal-Kunsill. Is-Sindku spjega wkoll li dwar dan il-Kunsilliera kollha ġew komunikati b`email u li kienu kollha qablu ma` dan. Is- Sur D'Alfonso kien infurmat li l-Kunsill kien laqgħa din il-proposta.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-Sindku qal ukoll li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ukoll aċċetta li dan ix-xogħol isir mit-TM filwaqt li l-bankina titħallas mill-Kunsill.

**4.5 Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani f'Marsaskala – (35/1874/10/I) :**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward l-*acknowledgment* li kien rċieva l-Kunsill mill-Ministeru għal-Politika Soċjali rigward it-talba tal-Kunsill għal *Day Centre*.

**4.6 Applikazzjonijiet ġodda għal permess ta' żvilupp – (35/1871/10/I):**

Rigward l-applikazzjoni PA4434/09 is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill kien reġa bagħat oġġezzjoni lill-MEPA rigward l-proposta tal-*fishfarms* filwaqt li semma li kienu oġġezzjonaw ukoll il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra, Marsasxlokk u Ħaż Żabbar ukoll.

**4.7 Etfal Summer 2010 – Don't let this opportunity not happen for kids in your community – (35/1827/10/I):**

Kien hemm qbil unanimu li norganizzaw l-korsijiet ta' l-ETFAL mat-TCTC skond l-proposta mill-istess TCTC għax-xhur tas-Sajf.

**4.8 Meeting between Marsaskala Local Council and M Quip Co Ltd – (35/1852/10/I) :**

Is-Sindku rrfera għad-diskussjoni li kienet saret fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti dwar l-apparat tal-logħob li nxtara mingħand MQuip u John G Cassar fejn kienu saru laqgħat wara l-istess seduta tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' John G Cassar dan tħallas nofs l-ammont dovut. Peress li qatt ma kien rċieva ħlas qabel mill-Kunsill. Fir-rigward tal- M Quip, is-Sindku rrfera għall-ittra mibgħuta mill-MQuip fejn kienu qablu li jneħħu l-interessi iżda kienu żiedu r-rata tat-twaħħil ta' l-apparat.

Il-Kunsill qabel ukoll li jħallas €3000 oħra skond it-talba tagħhom u dan wara l l-Kunsill aċċetta li se jkun għad fadal xi ħaġa pendenti li titħallas wara li l-apparat ikun installat.

**4.9 Ħofor fi Triq il-Bidni – (35/1997/10/I):**

Is-Sindku rrefera għall-*emails* li kienu ntbagħtu qabel is-seduta tal-Kunsill rigward il-bżonn li ssir xi ħaġa urġenti rigward is-sitwazzjoni tat-toroq fi Triq il-Bidni. Is-Sindku qal li kien ħa l-parir mingħand id-Direttur qabel ma tqabbad kuntrattur minħabba li x-xogħol kien jaqbeż is-somma ta' €1165 u dan peress li l-Kunsill ma kellux kuntrattur u kien qiegħed fil-proċess ta' sejħa għall-offerti.

Is-Sindku żied jgħid li għaldaqstant il-ħlas għal dan ix-xogħol se jiġi mqassam biex inkunu qegħdin nimxu mal-proċeduri finanzjarji u dan minħabba ċ-ċirkonstanza li konna ninsabu fiha.

4.10 **Informazzjoni dwar ERDF :**

Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' l-ERDF fejn il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala kien qiegħed japplika u ta' ftit dettalji tax-xogħol relatata din l-applikazzjoni li jinvolvi *railing* u dawl dekorattiv fil-*promeande* li tinsab fi Triq il-Qaliet lejn in-naħa tal-Bajja ta' San Tumas kif ukoll *railing* adekwat mad-dawra tat-Torri ta' San Tumas. Se jsiru żewġ applikazzjonijiet mill-Kunsill lil MEPA u bħala NGO se jkun hemm l-assistenza tal-Fondazzjoni Wirt Artna li tieħu ħsib il-Forti ta' San Tumas.

4.11 **Informazjoni rigward il-proġett li bħala *lead partner* hemm il-Kunsill Lokali Isla :**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien issieħeb ukoll f'proġett ieħor tal-Unjoni Ewropeja *Operational Programme* 2009-2010 fejn il-Kunsill Lokali Isla huwa l-*lead partner*.

4.12 **Road Space Designation in Triq il-Blajjiet Marsaskala – (35/2077/10/I):**

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva minn Trasport Malta rigward il-problemi fi Triq il-Blajjiet fejn talbu sabiex jittieħdu l-miżuri neċessarji skond il-pjanti approvati. Saret diskussjoni u ġie deċiż li kif nsibu l-pjanta li kienet magħmula mil-Perit tal-Kunsill, ninformaw lill-Kunsilliera dwara u fil-każ jiltaqw mal-Perit tal-Kunsill, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u s-Sindku.

4.13 **Memo 51/2010 – WiFi Access Point :**

Rigward Memo 51 li tikkonċerna WiFi Access point, il-Kunsill qabel li jidħol għal din l-iskema u ż-żona magħżula mill-Kunsill hija Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsill qabel ukoll mal-proposta ta' WiFi għall-użu tal-pubbliku fil-Kunsill li għal din is-sena ġie offrut għal €10 minflok €25 fix-xahar fl-uffiċċini tal-Kunsill Lokali.

4.14 **Memo 50/2010:**

Rigward Memo 50/2010 li tikkonċerna l-lista ta' toroq għal manutenzjoni jew kisi mil ġdid għas-sena 2010, il-Kunsill Lokali ddeċieda li jwieġeb skond l-informazzjoni li kie bagħat f' Memo preċedenti (Memo 9/2010).

4.15 **Receptioinst Scale 16:**

Kien hemm qbil unanimu li is-Sinjorina Chantel Zammit tinħatar bħala receptionist fi Skala 16 u dan wara li l-Kunsill kien ikkonferma din il-pożizzjoni mal-UHM u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.16 **Memos 47, 48 u 49 – (35/2139/10/I):**

Is-Sindku rrefera għal Memos 47, 48 u 49 tal-2010 u qal li l-Kunsill se jkun qiegħed iwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet parlamentari.

4.17 **Artiklu fl-Orrizont – Xogħol id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali**

Is-Sindku rrefera ukoll għall-artiklu li deher fl-orizzont miktub minn 'Zabbari' fl-edizzjoni tat-30 ta' Marzu 2010.

4.18 **Aġġustamenti tal-Financial Statements :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-aġġustamenti tal-Financial Statements u qal li l-accountant il-ġdid ltaqa ma ħafna problemi li kienu diġa ġew rrimarkati tul is-snin mill-Awditur tal-Kunsill u li qatt ma kienu ġew indirizzati fosthom il-*Fixed Asset Register*. L-Awditur se jkollu jdaħħal il-*fixed asset register* mis-sena 2005 'l hawn u kellu wkoll jagħmel l-aġġustamenti fil-*financial statements*. Dawn kienu ta' natura teknika u bl-ebda mod ma affetwaw il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li l-*accountant* beda jaħdem mal-Kunsill mil-bidu t'April u allura kien se jkollu jdaħħal it-transazzjonijiet finanzjarji kollha mill-bidu ta' Jannar 2010 s'issa wkoll. Ovjament dan ix-xogħol kollu addizjonali se jinvolvi spiża addizjonali lill-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan

4.19 **Devoluzzjoni Ġnien Sant'Anna :**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera wkoll rigward il-progress u l-laqgħat li kellu mad-Dipartiment ta' l-Artijiet rigwrad d-Devoluzzjoni ta' l-art fejn il-Kunsill Lokali jista jidħol f'arranġamenti mal-Klabb tal-Boċċi u tal-Kiosk tat-Tiffany's biex il-Kusnill ikun imbagħad jista jiffirma l-kuntratt mad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

5.0 ***Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjoniet :***

5.1 **MLC 03/2010 – Flights to Judenberg and Return**

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' persuni li tefgħu l-kwotazjoni. Dawn kienu :

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Club Class Vacations | €425 per person |
| 2. | KD Travel Services | Option 1 – €299 per person |
| | | Option 2 - €308 per person |

Il-Kunsill iddeċieda li jitgħażel il-KD Travel Service għal din il-kwotazzjoni.

5.2 **MLC 04/2010 – Photcopier:**

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' persuni li tefgħu l-kwotazjoni. Dawn kienu :

| | | Option 1 | Option 2 |
|---|---|---|---|
| 1. | Avantech | 60 months with FSMA without fax €1,178.82 | 60 months withs FSMA without fax €1,561.76 |
| 2. | Image Systems | Outright purchase with FSMA €2,400.00 | Leasing for 60 months with FSMA €55.00 per month |
| 3. | Strand Electronics Ltd | Leasing for 60 months with FSMA €51.60 per month | Leasing for 60 months with FSMA €57.60 per month |
| 4. | Alfa Office Centre (Sharp) | Outright purchase with FSMA witout fax €1350.00 | Leasing for 60 months with FSMA without fax €35.00 per month |
| 5. | Office group limited | Outright purchase with FSMA without fax €1980 | Leasind per 60 months with FSMA without fax €79.00 per month |

Il-Kunsill qabel unanimament li tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

6.0 ***Aġġudikazzjoni tat-Tenders :***

6.1 **Tender KLM 2010/05 – Road Maintenance & Patching Work in Access & Access Only Roads :**

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' *tenders* għall-kuntratt tar-*road maintenance and patching work in access and access only road*. Peress li għal dan il-kuntratt hemm prezzijiet varji it-*tender schedule* ser tkun atteċjata mal-minuti.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Polidanio Bros Ltd | As per bill of quantities |
| 2. | Asfaltar | As per bill of quantities |
| 3. | Schembri Barbros Ltd | As per bill of quantities |
| 4. | Ell's Urban Serv Ltd | As per bill of quantities |
| 5. | Catbros Ltd | As per bill of quantities |

Is-Sindku rrefera għar-rapport tal-Perit. Kien hemm diskussjoni rigward dan it-*tender*. Is-Sindku kompla ppropona li jingħażel lill-*Polidano Bros Ltd* għaliex għandu l-makkinarju u l-esperjenza biex jaħdem kif ukoll kien shortlisted fir-rapport tal-Perit. Kien hemm qbil unanimu li l-kuntratt jingħata lill-polidano Bros Ltd.

6.2 **Tender KLM 2010/06 – Maintenance & Construction of Pavement and Paved Area Works :**

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' *tenders* għall-kuntratt tal-*maintenance and construction of pavement and paved area works*. Peress li għal dan il-kuntratt hemm prezzijiet varji it-*tender schedule* ser tkun attеċjata mal-minuti.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Catbros Ltd | As per bill of quantities |
| 2. | Ell's Urban Services Ltd | As per bill of quantities |
| 3. | Karming Trading Ltd | As per bill of quantities |
| 4. | Polidano Bros Ltd | As per bill of quantities |
| 5. | Asfaltar | As per bill of quantities |

Kien hemm qbil unanimu li peress l-prezzijiet tiegħu huma tajbin u għandu ħafna esperjenza, l-Kunsill qabel unanimament li jintgħażel l-Karmig Trading Ltd.

7.0 ***Mozzjonijiet :***

7.1 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#160-11/12/09):**

*" Jipproponi sabiex it-taraġ u li jgħaqqad l-iskola ma' Triq Sta.Tere□a jiġi irranġat għax qiegħed ta' periklu".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.2 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#161-11/12/09):**

*"Jipproponi li il-ħitan li jinsabu fit-tarag ta' Triq Sta Tereza jiġi irranġat u jinbengħa fejn hemm nieqes".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.3 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#169-18/01/10):**

*"Jipproponi sabiex inqajmu il-problema li qiegħed ikollna mill-ilma baħar fil-pjazza Mifsud bonnici u Pjazza Dun Tarcis mall-Marine section jew Storm Water dept."*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu mill-*Marine Section* jew *Storm Water Section.*

*7.4* ***Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#170-18/01/10):***

*"Jipproponi sabiex nagħmlu riflettur fi Triq San Gorg".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.5 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#171-18/01/10):**

*"Jipproponi sabiex fil-qalba tal-Pjazza fejn hemm is-sqaqien nagħmlu fanali li jikkumplimentaw ma' l-estetika tal-post".*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ppreżenta ritratt ta' wieħed mil-fanali.

Il-Kunsill qabel unanimament rigward din il-mozzjoni u kien hemm qbil ukoll sabiex inkellmu l-Perit biex jgħamel *sketch* ta' Triq il-Knisja.

7.6 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku –is-Sur Charlot Mifsud (#172-2/02/10):**

*"Jipproponi sabiex l-ewwel Triq li jkollna mingħajr isem tiġi msemmija Triq Charles Clews, bniedem li kien inqatta ħafna xhur mis-sena ġewwa Marsaskala u bniedem magħruf u maħbub minn kulħadd".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għaliex ser isir ġnien għal-istess Charles Clews.

7.7 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku –is-Sur Charlot Mifsud (# 173-2/02/10):**

*"Jipproponi sabiex isir mera fi Triq Hurd's Bank k/m Triq il-Blajjiet".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.8 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#174-12/02/10):**

*"Jipproponi sabiex fi Triq il-Batterija Ta□-Żonqor fejn it-triq tidjieq quddiem il-garaxxijiet in-naħa l-oħra tat-triq ma sarux kaxxi għal ipparkjar propju għax it-triq dejqa. Pero xorta ġieli jipparkjaw u dan qiegħed jikkaw□a problema għal min għandu garaxx sabiex jidħol u joħroġ bil-vettura għalhekk jipproponi sabiex fejn ma saritx kaxxa jsir single yellow line".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.9 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#175-12/02/10):**

*"Jipproponi sabiex il- Kunsill jibda il-proċess sabiex il-Katakombi li jinsab propju fi Triq il-Katakombi jgħaddi f'idejn il-Kunsill sabiex dan jitnaddaf u jkun aċċessibli."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.10 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#176-12/02/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex meta nagħmlu xi attivita sabiex innadfu il-baħar eżempju f'Jum l-Ambjent li isir f'Ġunju jew forsi data oħra n-nadfu biċċa area fi Triq San Gorġ il-barra mill-breakwater. Din hi bir-ramel pero dan l-aħħar intliet kollha ġebel".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.11 **<u>Mozzjoni mressqa mill--Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#177-18/02/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex ssir xi tip ta' traffic calming fi Santa Tereża, qabel it-taraġ minn fejn jitilaw ħafna tfal għall-iskola, preferibilment issir fejn hemm il-kamra tad-drenaġġ , sabiex innaqsu l-periklu li qed jiġi kkawżat speċjalment lit-tfal minħabba sewqan perikolużli qed ikun hemm f'din iż-żona".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament. Ġie approvat ukoll sabiex ngħamlu *reminder lit-Trasport Malta.*

7.12 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#178-16/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech jiġi maħtur fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv fuq bażi permanenti. Dan wara komunita mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.13 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar (#179-20/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex jittranġaw il-konok li hemm faċċata ta' Grabiel Restaurant taħt il-pont u jsiru tondi minflok kif huma peress li bil-maltemp qed jimtlew bl-ilma baħar".*

Il-Kunsillier Lawrence Ciantar qal li għandna nagħmluhom bid-disinn bħal ma għandhom il-Kalkara. Huwa qal li għandu jiċċekja.

7.14 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar (#180-20/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex isiru xbiki tas-soqfa minn naħa tal-baħar taħt il-pond biex jiġi evitat ħmieġ u storbju mill-baħar meta jitfa l-ġewwa u b'hekk l-ilma jgħaddi iżda l-ħmieġ u landi eċċ jibqgħu hemm u mhux joħorġux f`nofs it-triq".*

Ġie approvat sabiex issir xibka.

7.15 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#181-23/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir sleeping policeman fi Triq San Ġwakkin ħdejn il-Bring-in-sites".*

Ġie approvat sabiex napplikaw lit-Trasport Malta.

7.16 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#182-24/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex isir traffic mirror għal dawk li jkunu niżlin min Triq il-Blajjiet".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.17 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#183-24/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex isir traffic mirror għal dawk li jkunu niżlin min Triq Miklem Malti għal Triq il-Kavallieri ta' Malta".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.18 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Feane (#184-26/03/10):</u>**

*"Tipproponi sabiex isir bank tal-konkos fuq is-simenta li hemm quddiem Lucaya Flts Triq iż-Żonqor."*

Sar qbil unanimu li jsir bank tal-konkos.

7.19 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Feane (#185-26/03/10):</u>**

*"Tipproponi sabiex jinbidel u jiżdied l-ixkaffar tal-Librerija Pubblika".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.20 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Feane (#186-26/03/10):</u>**

*"Tipproponi sabiex jinżebaħ il-ħajt ta' mar-rampa li hemm ħdejn id-dar il-Ħamrija fi Triq iż-Żonqor".*

Ġie deċiż sabiex ix-xogħol isir mill-ħaddiema ta' l-IPSL.

7.21 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Feane (#187-26/03/10):</u>**

*"Tipproponi sabiex isiru hand rails fejn m'hemmx fit-turġien li jagħtu għal bajja matul il-kosta".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.22 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Daniel Spiteri (#188-29/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex isir traffic management fil-bidu ta' Triq il-Baħħara(in-naħa tac-Cerviola Hotel) minħabba li hemmek hemm skola (tar-Russi) u ġieli jgħaddu l-karozzi b'veloċita eċċessiva minn quddiem".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.23 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Daniel Spiteri (#189-29/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex isir titwaħħal tabella ħdejn r-Russian Boarding School fi Triq il-Baħħara li tindika li hemmek ikun hemm studenti li jaqsmu t-triq".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

7.24 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Daniel Spiteri (#190-29/03/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex jinxtraw 30 bibs u 10 blalen tal-futbol sabiex jintużaw waqt attivitajiet sportiv imtella mill-Kunsill".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.25 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri (#191-29/03/10):**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tad-dawl ornamentali minn ħdejn Grabiel restorant sa ħdejn l-ex Jerma Palace Hotel fi Triq is-Salini, peress li dan għadu taħt ir-responsabilita` tad-Dipartiment tas-Servizzi".*

Ġie deċiż sabiex niktbu lis-Sur Ray Farrugia tal-*Works Divsion* sabiex issir id-devoluzzjoni.

7.26 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#192-8/4/10):**

*"Jipproponi sabiex issir xi tip ta' traffic calming fi Triq is-Silla, kif taqbe Triq l-Arzell, biex innaqsu l-periklu li qed ikun hemm minħabba s-sewqan perikolu li qed ikun hemm f'din it-triq".*

Ġie deċiż sabiex niktbu lit-Trasport Malta.

7.27 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#193-8/04/10):**

*"Jipproponi sabiex titranġa l-bankina min fejn is-Sun City sal-Jakarta Restaurant għax qiegħda ta' periklu".*

Is-Sindku qal li l-*buildouts* se jitneħħew.

Il-Kunsill approva sabiex l-bankina issir bil-*crete print*.

8.0 ***Affarijiet Oħra:***

8.1 **Eks Jerma Palace Hotel:**

Il-Kunsill approva unanimament sabiex issir *press release* fuq is-sitwazzjoni tal-eks Jerma Palace Hotel. L-abbandun ta' din il-lukanda, apparti għaliex kienet l-unika lukanda fis-*south* li kien għad fadal qegħda taffetwa t-turiżmu u r-residenti tal-madwar. Din hija ta' *eyesore* u jista jkun hemm lok ta' abbuż.

Għaldaqstant għanda tinkiteb din il-*press release* sabiex nitolbu l-awtoritajiet kompetenti sabiex jieħdu azzjoni immedjata.

8.2 **Laqgħa mal-MCST:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri informa l-Kunsill illi l-MCST laqgħu l-applikazzjoni tagħna li ser isir seminar nhar l-20 ta' Ġunju 2010 mill-MCST. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex kull min jista jipparteċipa.

6.0 ***Aġġornament :***

L-aġenda ġie eżawrita kollha u għaldaqstant il-laqgħa spiċċat fid-9.30p.m

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

# Maintenance & Construction of Pavement and Paved Area Works

## KLM 2010/06

### Tender for the Maintenance & Construction of Pavement and Paved Area Works

| No. | Bid Bond | Contractor | Remarks | Ammount |
|---|---|---|---|---|
| 1 | ✓ | Catbros Ltd. | as per Bill of Quant | |
| 2 | ✓ | Ell's Urban Services Ltd | as per Bill of Quant. | |
| 3 | ✓ | Karmig Trading Ltd. | as per Bill of Quant. | |
| 4 | ✓ | Polidano Bros Ltd | as per Bill of Quant. | |
| 5 | ✓ | Asfaltar | as per Bill of Quant. | |

Josef Grech
Acting Executive

Mario Calleja
Sindku

Charlot Mifsud
Deputy Mayor

# Road maintenance & Patching Work in Access & Access OnlyRoads

## KLM 2010/05

### Tender for the Road Maintenance & Patching Work in Access & Access Only Roads

| No. | Bid Bond | Contractor | Remarks | Ammount |
|---|---|---|---|---|
| 1 | ✓ | Polidano Bros. Ltd. | as per Bills of Quant. | |
| 2 | ✓ | Asfalter | as per Bill of Quant. | |
| 3 | ✓ | Schembri Barbros Ltd. | as per Bill of Quant | |
| 4 | ✓ | Ell's Urban Serv Ltd | as per Bill of Quant. | |
| 5 | ✓ | Cathros Ltd. | as per Bill of Quant | |

Josef Grech
Acting Executive

Mario Calleja
Sindku

Charlot Mifsud
Deputy Mayor